**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 256**
**It-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**SECTORAL AGREEMENT REGULATING THE CONDITIONS OF SERVICE FOR THE POLICE FORCE 2023**

**18283. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force 2023?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan huwa l-Gvern li bil-fatti ta' aktar drittijiet u kundizzjonijiet lill-membri tal-Korp tal-Pulizija wara li ġie iffirmat ftehim kollettiv fis-sena 2018 u ftehim settorjali fis-sena 2023.

Dan b'differenza għal li kien jiġri qabel. Madwar elfejn membru tal-Korp tal-Pulizija bdew igawdu minn pagi u kundizzjonijiet aħjar permez53
z ta' ftehim settorali ġdid li ġie ffirmat bejn il-Gvern u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-Korp.

Il-ftehim settorali jfisser żidiet fil-pagi u allowances fost benefiċċji oħra bħal progress iżjed mgħaġġel fl-iskali. Il-ftehim jirrikonoxxi wkoll li l-ħaddiema fil-Korp tal-Pulizija jiltaqgħu ma' bosta xenarji imprevedibbli u għalhekk l-uffiċjali se jkunu koperti bi protezzjoni legali b'rabta ma' ħidmiethom.

Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema permezz taż-żewġ unions, jiġifieri l-Police Officers Union fi ħdan il-General Workers' Union u l-Malta Police Union, laqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim settorali li ġie ffirmat, bi qbil magħhom, minnufih wara li ntemm dak preċedenti u rrimarkaw għad-djalogu u rispett li kien hemm fin-negozjar dwar il-ftehim il-ġdid.

Informat li mhux il-prassi li d-dokument sħiħ iffirmat ikun ippubblikat minħabba kunfidenzjalità, iżda provdut lill-membri permezz tal-Unions li jirrappreżentawhom

Seduta 256
09/07/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA - SOSPENSJONIJIET**

**18284. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx membri tal-Forzi Armati ta' Malta li huma sospiżi mix-xogħol, u jekk iva jgħid kemm hemm, x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-pagi waqt is-sospensjoni u x'inhi r-raġuni għas-sospensjoni?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Forzi Armati ta' Malta għandha żewġ suldati sospiżi li qed jirċievu paga fuq bażi 'half pay'. Dawn is-suldati qiegħdin sospiżi għaliex huma allegatament akkużati b'reat kriminali.

Seduta 256
09/07/2024

**GWARDJANI TAL-ĦABS – SOSPENSJONIJIET**

**18285. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx membri tal-Gwardjani tal-Ħabs li huma sospiżi mix-xogħol, u jekk inhu l-każ, jgħid kemm hemm, x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-pagi waqt is-sospensjoni u x'inhi r-raġuni għas-sospensjoni?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fir-rigward ta' gwardjani, hemm persuna sospiża li tirċievi 50% tal-paga. Hija ġiet sospiża wara li ġiet imressqa l-Qorti.

Seduta 256
09/07/2024

**PROTEZZJONI ĊIVILI – SOSPENSJONIJIET**

**18286. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx membri tal-Protezzjoni Ċivili li huma sospiżi mix-xogħol, u jekk inhu l-każ, jgħid kemm hemm, x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-pagi waqt is-sospensjoni u x'inhi r-raġuni għas-sospensjoni?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 256
09/07/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - UFFIĊJALI TAL-ĦABS - SAFAR**

**18287. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi informazzjoni dwar safar illi uffiċjali tal-ħabs kellhom din is-sena, u jgħid fejn siefru, min kienu l-persuni li ffurmaw dik id-delegazzjoni, kemm sewa l-vjaġġ, u x'kien l-iskop tas-safra?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li minn Jannar 2024 kien hemm disa' okkażżjonijiet. Dan jinkludu laqgħat ta' organiżżazzjonijiet internazzjonali, taħriġ u viżti ta' good practices.

Delegazzjoni li tinkludi t-tabib Christopher Cremona, Charge Nurse Mr Silvio Todaro, flimkien ma' Ms Charlene Delia, Ms Kimberly Vella, Ms Kristine Camilleri u Ms Nicole Saliba li jaħdmu fil-qasam ta' Social Workers u l-psikoloġija attendew għall-konferenza dwar saħħa mentali ġewwa Amsterdam. Din swiet €1821.52

Uffiċjal attenda għall-kors ta' K9 ġewwa Sussex, ir-Renju Unit. €93.74

Ġewwa Ruma, il-Kap Eżekuttiv, Prof. Joe Giordimaina u s-Svetlana Muscat ffurmaw delegazzjoni li attendew ġewwa l-Università ta' Siena u għal żewġ żjajjar f'ħabsijiet f'Ruma. €957.02

Ġewwa Istanbul, il-Kap Eekuttiv, Prof. Joe Giordimaina u Svetlana Muscat attendew Technology in Corrections. Din swiet €1,694 (L-ispejjeż tal-ivjaġġar u akkomodazzjoni ta' Dr Giordimaina ġew imħallsa mill-Università ta' Malta.)

Delegazzjoni li attendew ġewwa żewġ ħabsijiet ġewwa li-Skozja fejn qasmu idejat u raw kif jitħaddmu l-ħabsijiet ġewwa dan il-pajjiż. Id-delegazzjoni attendiet ukoll numru ta' lektures fil-kwartieri ġenerali tal-ħabsijiet Skoċċiżi. Din żaret ukoll iċ-ċentru ta' taħriġ tal-istess uffiċjali Skoċċiżi, kienet tinkludi lil Mr Christopher Sammut, Prof Giordmaina, Mr Jonathan Paris, Mr Antonio Bonnici, Mr Anthony Farrugia u Mr Roderick Coreschi. Din swiet €2,067.7

Seduta 256
09/07/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - TMEXXIJA**

**18288. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega l-kompożizzjoni tat-tmexxija tal-ħabs billi jipprovdi lista' ta' karigi u ismijiet li jokkupaw dawk il-karigi? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn huma membri fis-servizz?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi huwa is-Sur Christopher Siegeresma, li huwa professjonist fl-oqsma tal-kura u tas-saħħa mentali, filwaqt li l-Kurunel Etienne Scicluna jokkupa l-irwol ta' Chief Operations Officer.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19518. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li Dr. Alexandra Mizzi kienet membru tal-Bord tal-Malta Communications Authority bejn l-2013 u l-2024 u tħallset total ta' €41,197.

Fir-rigward tal-persuni l-oħra, ir-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19519. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li d-dettalji dwarhom ingħataw separatament ma għandhomx jew ma kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat kif inhu kompost fil-preżent.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19520. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li d-dettalji dwarhom ingħataw separatament ma għandhomx u anqas kellhom xi forma ta' ingaġġ jew impjieg fiż-żmien imsemmi, la f'dan il-Ministeru u anqas fl-entitajiet li jaqgħu taħtu.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19521. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Imħallef Emeritus Antonio Mizzi hu Chairperson tal-Bord tal-Parole. Ir-remunerazzjoni marbuta ma' dan il-bord hi ta' EUR11,736.75c fis-sena.

L-Avukat Alexandra Mizzi hi c-Chairperson ta-Bord ta' Rakkomandazzjoni għal Ċittadinanza bil-Mertu. Ir-remunerazzjoni hi ta' EUR22.95c fis-siegħa, marbuta ma' kull darba li jitlaqqa' l-bord.

Is-Sa Marlene Mizzi hi Chairperson tal-Aġenzija Identità u konsegwenzjalment għal l-irwol tokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-Malta Electronic Certification Services (MECS) Ltd, fl-istess aġenzija. Ir-remunerazzjoni fis-sena marbuta ma' dawn l-irwoli hi ta' EUR11,092 b'expense, transport, communication u experties allowance.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19522. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - INGAĠĠ JEW IMPJIEG FULL-TIME JEW PART-TIME**

**19523. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jew kellhomx xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu jew kellu/kellhom/kellha?

22/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul il-perjodu indikat, fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, kif ukoll id-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, l-persuni li isimhom ngħata separatament ma kellhom l-ebda ngaġġ, impjieg jew nomina kif deskritt fil-mistoqsija.

Seduta 256
09/07/2024

**RAS ĦANŻIR LAND RECLAMATION – PROĠETT – STIMA**

**19629. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett ta' Ras Ħanżir Land Reclamation?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19628.

Seduta 256
09/07/2024

**ĊIRKEWWA COLUMNS - PROĠETT – XOGĦLIJIET**

**19630. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' Ċirkewwa Columns u meta huwa ppjanat li jintemmu?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tat-Terminal taċ-Ċirkewwa kien ilu jissemma sa mis-snin disgħin, kien intqal li l-proġett kien se jsir kollu sal-2003, u fir-realtà tlesta kważi 10 snin tard, lejliet l-elezzjoni ġenerali tal-2013.

Agħar minn hekk, il-Ministeru għat-Trasport kien ġie infurmat li l-proġett kellu ħsarat strutturali u xquq fil-konkos. Studji intensivi u testijiet tekniċi kienu kkonfermaw li jeżistu difetti fil-kolonni u travi tal-'Passenger Gangway' u għalhekk kellhom jibdew diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati biex tinstab soluzzjoni.

Ġie deċiż li jibdew sensiela ta' provi (trials) biex ikun stabbilit xjentifikament l-iktar metodu u materjal addattat għat-tiswija u biex isiru t-testijiet fuq l-istess xogħol.

Bħalissa qed isir ix-xogħol ta' tranġar fuq id-difetti fil-proġett ta' 12 -il sena ilu u mistenni jitlesta lejn l-aħħar ta' din is-sena.

Seduta 256
09/07/2024

**ĊIRKEWWA COLUMNS - PROĠETT – STIMA**

**19631. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett ta' Ċirkewwa Columns?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet tal-l-proġett ta' Ċirkewwa Columns ġie jiswa €240,121 f'xogħlijiet ta'*upgrading*. Dawn ma jinkludux l-ispejjeż li daħal għalihom il-kuntrattur biex jiġi rettifikat l-ħsara li kien hemm fl-istrutturi.

Seduta 256
09/07/2024

**TRIQ IL-MARFA, ĊIRKEWWA - PROĠETT – XOGĦLIJIET**

**19632. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' Triq il-Marfa, Ċirkewwa u meta huwa ppjanat li jintemmu?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta lestiet il-ħidma fuq proġett infrastrutturali bil-għan li tiffaċilità u torganizza b'mod aħjar it-traffiku madwar it-Terminal taċ-Ċirkewwa. Dan seħħ bi tlestija ta' korsija kontinwa ddedikata għall-karozzi li sejrin lejn Għawdex mir-*roundabout* tal-Armier fid-direzzjoni lejn it-Terminal taċ-Ċirkewwa. Infrastructure Malta ħatfet l-opportunita' biex waqt li t-triq kellha ħtieġa ta' manutenzjoni, rabtet dawn ix-xogħlijiet mal-proġett ta' riorganizzazzjoni

Permezz ta' dan l-investiment ta' 7 miljun ewro qed jiġi ffaċilitat it-traġitt għal persuni li jridu jaqsmu l-fliegu mingħajr ma jingħalaq l-aċċess għal partijiet ta' madwar it-Terminal għal ħaddiema, it-trasport pubbliku u traffiku li ma jkunx sejjer Għawdex. Din il-konġestjoni tat-traffiku għal dawn l-aħħar 13-il sena telfet is-servizz ta' trasport pubbliku u dak t'emerġenza meta l-istennija tal-karozzi għall-vapur qabżet 'il barra mill-marshalling area, u ħoloq sfidi kbar għal oħrajn li riedu jaċċessaw iċ-Ċirkewwa f'dawn il-ħinijiet, fosthom vetturi t'emerġenza u bugħaddasa. Dan il-proġett sar biex jindirizza wkoll numru rekord ta' traġitti li qed jiġi rreġistrat lejn u minn Għawdex.

Il-proġett sar fuq firxa ta' żewġ kilometri u nofs, bl-istrutturi tal-ħadid li jifirdu liż-żewġ karreġġjati nbiddlu u minflokhom saru strutturi tal-konkrit li huma ċeritifikati li joffru l-aqwa sigurtà possibbli. Il-bidla ta' dawn l-istrutturi, li Infrastructure Malta introduċiet għall-ewwel darba fl-2019, għamilha iżjed possibbli biex jintrebaħ iżjed spazju li jista' jintuża b'mod iktar effettiv. Id-disinn il-ġdid tat-triq ħaseb biex jiġi eliminat l-ivvjaġġar ta' vetturi min-naħa għall-oħra, waqt li ġiet installata sistema ta' dawl ġdida u żieda fil-miżuri ta' sigurtà.

Ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett, li bdew f'nofs Frar (19 ta' Frar) tlestew kif imwiegħed qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajf.

Seduta 256
09/07/2024

**TRIQ IL-MARFA, ĊIRKEWWA - PROĠETT – STIMA**

**19633. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett ta' Triq il-Marfa, Ċirkewwa?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19632.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – MAGNI TAL-MRI**

**19735. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar ċertifikat ta' kalibrazzjoni ta' kull magna tal-MRI fl-Isptar Mater Dei?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi m'hemm l-ebda ċertifikat speċifiku ta' kalibrazzjoni għall-magni tal-MRI fl-isptar Mater Dei. Għal kull manutenzjoni preventiva u Quality Assurance, isir rapport b'lista ta' kontrolli.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – CT SCANS – WAITING LIST**

**19736. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-waiting list għall-CT scans sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Infakkar lill-Onor. Interpellant li xahar ilu biss, nidejna investiment ta' €400,000, biex sal-aħħar ta' din is-sena madwar 3,000 CT scan se jkunu qed jiġu amministrati lill-pazjenti b'mard tal-kanċer u tal-qalb fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Dawn ser isiru f'ħinijiet barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol.
Fil-preżent fl-Isptar Mater Dei, matul il-ħin normali tax-xogħol, isiru madwar 150 CT scan kuljum permezz ta' tliet CT scanners, filwaqt li fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex isiru madwar 150 CT scan fil-ġimgħa permezz ta' CT scanner.
Ninsab infurmat, li sa l-aħħar ta'Ġunju kien hemm 25 persuna jistennew CT Scan, li l-istennija tagħhom qabżet il-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għala l-perjodu nqabeż.
Nassigura lill-Onor. Interpellant, li f'kull każ urġenti, CT Scan isir fi ftit jiem.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – CT SCANS**

**19737. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm magni tas-CT Scans fl-Isptar Mater Dei?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10153.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – CT SCANS**

**19738. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta kien l-aħħar darba li l-magni tas-CT scans fl-Isptar Mater Dei kienu kkalibrati?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-aħħar kaliberazzjoni ta' kull magna tas-CT scans fl-isptar Mater Dei saru f'Lulju 2023, f'Jannar u f'April 2024.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – CT SCANS**

**19739. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar ċertifikat ta' kalibrazzjoni għal kull magna ta' CT scans fl-Isptar Mater Dei?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi m'hemm l-ebda ċertifikat ta' kalibrazzjoni speċifiku għall-magni tas-CT Scans fl-isptar Mater Dei. Għal kull manutenzjoni preventiva u Quality Assurance, isir rapport b'lista ta' kontrolli.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI - RADIOGRAPHERS**

**19740. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm radiographers fl-Isptar Mater Dei?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fl-isptar Mater Dei hemm 174 radjogrofu.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - EVENTS**

**19861. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - EVENTS**

**19862. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - EVENTS**

**19863. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;

(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tinġabar din l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - EVENTS**

**19864. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - EVENTS**

**19865. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant li sabiex tinġabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - EVENTS**

**19866. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;

(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-FGURA - TRIQ BEJN TRIQ IL-FOSS U TRIQ KOTTONER - XOGĦLIJIET**

**19931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jerġa' jsir xogħol fit-triq bejn Triq il-Foss u Triq Kottoner fil-Fgura, *in vista* tal-fatt li reċentement din it-triq kienet saret mill-ġdid? Jekk iva, jista' jgħid kemm se ddum magħluqa peress li din it-triq tintuża ħafna?

12/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jindika għal liema triq qed jirreferi.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-FGURA - TRIQ BEJN TRIQ IL-FOSS U TRIQ KOTTONER - XOGĦLIJIET**

**19932. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jerġa' jsir xogħol fit-triq bejn Triq il-Foss u Triq Kottoner fil-Fgura, *in vista* tal-fatt li reċentement din it-triq kienet saret mill-ġdid? Jekk iva, jista' jgħid kemm se ddum magħluqa peress li din it-triq tintuża ħafna?

12/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-FGURA - TRIQ BEJN TRIQ IL-FOSS U TRIQ KOTTONER - XOGĦLIJIET**

**19933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jerġa' jsir xogħol fit-triq bejn Triq il-Foss u Triq Kottoner fil-Fgura, *in vista* tal-fatt li reċentement din it-triq kienet saret mill-ġdid? Jekk iva, tista' tgħid kemm se ddum magħluqa peress li din it-triq tintuża ħafna?

12/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala parti mill-proġett biex jiġi estiż in-netwerk tan-New Water fin-nofsinhar ta' Malta biex il-bdiewa jkunu moqdijin aħjar, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'xogħlijiet fi Triq il-Foss li jestendu sa Triq id-Dejma. Ix-xogħol huwa mmirat li jitlesta lejn l-aħħar tat-tielet kwart tas-sena u dan qed isir f'fażijiet biex jippermetti li partijiet mit-toroq ikunu miftuħin waqt li jkun għaddej ix-xogħol f'partijiet oħra. Dwar xogħlijiet fi Vjal il-Kottoner nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta 256
09/07/2024

**KORRIMENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL - BENEFIĊĊJU**

**19934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19375 u jgħid kemm kien hemm persuni li qed jirċievu l-benefiċċju relattiv fir-rigward korrimenti fuq il-post tax-xogħol fl-aħħar ta' Diċembru 2023?

12/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 19375.

Seduta 256
09/07/2024

**KORRIMENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL – BENEFIĊĊJU**

**19935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19376 u jgħid kemm kien hemm persuni li tul is-sena 2023 bdew jirċievu l-benefiċċju relattiv fir-rigward korrimenti fuq il-post tax-xogħol?

12/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2023 kien hemm 1393 persuna li rċevew il-benefiċċju tal-korriment matul is-sena 2023.

Seduta 256
09/07/2024

**KORRIMENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL - BENEFIĊĊJU**

**19936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19377 u jgħid kemm kien hemm persuni li tul dawn l-ewwel erba' xhur tas-sena 2024 bdew jirċievu l-benefiċċju relattiv fir-rigward korrimenti fuq il-post tax-xogħol?

12/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-ewwel erba' xhur tas-sena 2024 kien hemm 534 persuna li bdew jirċievu l-benefiċċju relatat mal-korriment fuq is-xogħol.

Seduta 256
09/07/2024

**KUNSILLI REĠJONALI - ĠBIR TA' SKART - SPIŻA**

**20215. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża ta' kull reġjun għall-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023? Kemm ġabar flus kull reġjun għall-ġbir tal-iskart mingħand il-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm differenza bejn dak li r-reġjun ġabar u dak li għandu jħallas għas-sena 2023 u jekk iva, minn fejn ser titħallas din id-differenza?

21/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba baqgħet ma waslitx sad-deadline intern li ġie mogħti.

Seduta 256
09/07/2024

**L-GĦASRI GĦAWDEX – TRIQ TAL-LANTERNA - XOGĦLIJIET**

**20216. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet (xahar u sena) fi Triq tal-Lanterna, limiti tal-Għasri u kemm-il xahar ilha magħluqa din it-triq? Jista' jgħid ukoll meta se jitlestew dawn ix-xogħlijiet, kemm kien proġettat li ser jiswew u kemm effettivament ġew jiswew sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq din it-triq beda lejn l-aħħar tas-sena 2020 fuq ħitan tas-sejjieħ. Madanakollu rriżulta li t-triq kienet se ċċedi u għaldaqstant saru numru ta' interventi strutturali. Ix-xogħlijiet mistennija li jkunu lesti lejn l-aħħar ta' din is-sena.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX U KEMMUNA – TĦAWWIL TA' SIĠAR, PJANTI U ARBUXELLI**

**20217. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus mill-Ministeru tiegħu fi tħawwil ta' siġar, pjanti u arbuxelli f'Għawdex u Kemmuna f'dawn l-aħħar sitt xhur? Kemm tħawlu u fejn? Jista' jgħid ukoll minn fejn inxtraw u minn min sar ix-xogħol?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX – WIED IL-LUNZJATA U WIDIEN OĦRAJN – ILMA ĠIERI**

**20218. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'sar s'issa biex l-ilma ġieri ta' Wied il-Lunzjata u widien oħrajn fil-qrib f'Għawdex ma jibqax jintilef fil-baħar, iżda jiġi salvat u utilizzat? Meta (xahar u sena) se jittieħdu l-passi neċessarji biex isir ix-xogħol meħtieġ?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Wied il-Lunzjata huwa sit li jifforma parti minn Natura 2000. Għaldaqstant biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa fuq il-ġibjun għall-ilqugħ tal-ilma ġieri - li ġej mill-Għajn tal-Ħasselin u minn Għajn Tuta - jeħtieġ li jsiru xi *assessments*. Mal-mhedda taż-żmien dan il-ġibjun li kien ilu jintuża għal-bosta snin, imtela bil-ħama. Dan irid jiġi mmarkat biex eventwalment jibda l-proċess tat-tħammil tal-ħama u ssirlu l-manutenzjoni meħtieġa. Dan kollu jrid isir wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa, u eventwalment jkunu jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet fuq din iż-żona tar-reservoir fiż-żmien qarib. Min-naħa l-oħra, bħalissa hemm applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar biex isiru interventi f'Wied tal-Grixti li jagħmel parti mill-*catchment area* ta' Wied il-Lunzjata. Permezz tal-applikazzjoni PA/03095/24, li bħalissa qiegħda tistenna li tiġi approvata, l-interventi se jinvolvu xogħol ta' tindif ġenerali, tħammil, tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, tħawwil ta' siġar u arbuxelli addattati, u restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Dawn l-interventi huma iffinanzjati mill-proġett LIFE RBMP Integrated Project. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-proġett huwa li jirrijabilita l-Wied ħalli tiżdied iż-żamma tal-ilma ġieri u titħares l-bijodiversità.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX – CHARGING POINTS ĠODDA**

**20219. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru charging points ġodda għal vetturi elettriċi f'Għawdex matul is-sena 2024, fejn saru, kemm hemm ippjanati li jsiru matul il-bqija tas-sena 2024 u fejn?

21/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena hemm ippjanti li jsiru 106 charging points ġodda fi 13-il lokalità differenti madwar Għawdex, u 16 minnhom diġà ġew approvati minn Transport Malta. Ix-xogħol fuq dawn iċ-charging points mistenni jibda hekk kif isiru l-kuntratti tax-xogħol.

Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni dwar il-lokalitajiet fejn huwa ppjanat li jsiru ċ-charging points ġodda.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX - IR-RAMLA – MASTER PLAN**

**20220. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-Master Plan tar-Ramla u jgħid ukoll meta nbeda (sena u xahar) u meta hu ppjanat li jiġi konkluż? Jista' jgħid ukoll fil-konkret, x'sar matul is-sena 2023 u matul is-sena 2024 dwar dan il-Master Plan, kemm intefqu flus matul dan il-perjodu u fuq xiex intefqu?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-proġett - li qed issir referenza għalih - għad iridu jinġabu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar. L-applikazzjoni giet sottomessa lejn l-aħħar tas-sena 2022.

Seduta 256
09/07/2024

**L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT - KRITERJA MEĦTIEĠA GĦAD-DĦUL**

**20334. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20178 u jgħid x'inhuma l-kriterji meħtieġa biex persuna tidħol fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Jista' jipprovdi d-dettalji kollha relatati mal-proċess biex student jintgħażel biex jidħol f'din l-istess skola?

26/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kriterji meħtieġa huma testijiet fiżiċi, test prattiku fl-Isport magħżul, u total ta 120 marka jew aktar fl-eżamijiet annwali tal-Malti, Ingliż u Matematika.

Sabiex jiġu mgħażula l-istudenti, dawn jiġu assessjati fejn l-assessuri tal-ewwel kriterju jkunu esperti u staff fil-qasam tal-Fitness mill-Iskola Nazzjonali ta' l-Isport u osservaturi mit-tim tal-Proċess ta' l-Għażla.

L-assessuri għat-tieni kriterju jkunu persuni li ġew nominati mill-assoċċjazzjonijiet tad-dixxiplini rispettivi tagħhom, persuni nominati mill-Iskola Nazzjonali ta' l-Isport u espert/i minn barra.

Seduta 256
09/07/2024

**GARAXXIJIET – KAXXI SOFOR BIEX MA JSIRX PARKEĠĠ**

**20349. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex m'għadhomx jiġu mmarkati kaxxi sofor ġodda u lanqas isir refreshing quddiem bibien ta' garaxxijiet privati biex ma jkunx jista' jsir parkeġġ quddiemhom?

27/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żebgħa u s-sinjali relatati mal-aċċessi tal-garaxxi isiru skont S.L 65.11 li tghid:

Art 77 (2):

"Ebda persuna ma għandha tipparkja jew tħalli bla għassa xi vettura bil-mutur b'dak il-mod li ma tħallix xi vettura bil-mutur ta' persuna oħra milli jkollha dħul jew ħruġ libertu għal jew minn xi post użat u immarkat b'mod ċar bħala garaxx bil-kelma 'GARAXX LI QED JINTUŻA"

u

Art 77 (4):

"Ebda persuna ma għandha tiżbogħ jew iġġiegħel li jinżebgħu xi marki tal-karreġġata fuq kull naħa tat-triq quddiem id-dħul jew il-ħruġ ta' xi fond immarkat bħala garaxx:

Iżda l-Awtorità tista' tapprova ż-żbiegħ ta' sinjali sofor doppji fuq kull naħa jew naħa waħda talfond immarkat bħala garaxx jew fuq in-naħa opposta tat-triq biex tiżgura d-dħul u l-ħruġ bla ebda periklu ta' vettura bil-mutur fi u minn dak il-garaxx"

Għaldaqstant, ġaladarba l-garaxx ikun qed juri t-tabella "Garage in Use", dan huwa suffiċjenti sabiex ħadd ma jkollu dritt jimblokka l-aċċess u l-Awtorita' għandha dritt tapprova linji sofor mal-ġenb jew faċċata tal-garaxx.

Imbagħad, nirreferu ukoll għal kaxxi sofor li ġieli jsiru quddiem l-aċċess għall-garaxxi. Apparti li skont S.L. 65.11, dawn il-kaxxi sofor m'humiex kunsidrati bħala linji relatati ma' projbizzjoni ta' parkeġġ quddiem garaxx, skont S.L. 65.05, kaxxa bajda u kaxxa safra għandhom l-istess użu, allura dak ta' parkeġġ. Għaldaqstant, fl-interpretazzjoni tal-Awtorita', meta jkun hemm kaxxa safra quddiem garaxx ifisser li wieħed jista' jipparkja u din tista' tkun ta' kunflitt ma' art 77 ta' S.L. 65.11 meta jkun hemm it-tabella "Garage in Use" u allura wieħed ma jistax jimblokka l-aċċess.

Seduta 256
09/07/2024

**RAĦAL ĠDID - ĊENTRU VINCENT MORAN**

**20350. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-servizzi li qed jiġu jew se jibdew jiġu offruti fiċ-Ċentru Vincent Moran, Raħal Ġdid? Meta bdew jew ser jibdew?

27/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li 24 servizz se jibdew jiġu offruti mal-ftuħ taċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Vincent Moran. Huwa ppjanat li numru ta' servizzi oħra jiġu miżjuda ġo fażijiet 'l quddiem. Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal-lista ta' servizzi li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 256
09/07/2024

**RAĦAL ĠDID - ĊENTRU VINCENT MORAN**

**20351. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk iċ-Ċentru Vincent Moran, Raħal Ġdid, hux lest, u jekk le, jispjega x'xogħlijiet fadal?

27/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18664.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – ESTENSJONI TAL-EMERĠENZA**

**20352. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet għall-estensjoni tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei?

27/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà ġie mħabbar fl-aħħar ġimgħat ta' Mejju, il-pjan tal-Gvern fit-tul huwa li l-Emerġenza mistennija li tikber b'żieda ta' sular u anki espansjoni oħra fuq barra sabiex minn 30 cubicle ikun hemm 70 cubicle. B'baġit ta' aktar minn €17-il miljun, din l-inizjattiva għandha l-għan li tilħaq il-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa ta' Malta għall-20 sena li ġejjin.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – ĦADDIEMA FL-ESTENSJONI TAL-EMERĠENZA**

**20353. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid ġewx identifikati t-tobba u l-infermiera li ser ikunu qed jaħdmu fl-estensjoni tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei?

27/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jagħti mportanza assoluta li jkompli jkabbar is-servizzi tas-saħħa u ma joqgħodx lura milli aktar professjonisti jiġu mħarrġa biex jispeċjalizzaw u jimpjega aktar professjonisti skont il-ħtieġa.

Seduta 256
09/07/2024

**SPTAR MATER DEI – PARKEĠĠ GĦALL-ĦADDIEMA**

**20354. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-bini tal-parkeġġ għall-ħaddiema tal-Isptar Mater Dei?

27/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa qed isir xogħol fuq żewġ parkeġġi biswit Mater Dei. Qed isiru diskussjonijiet u tħejjijiet biex isir multistorey carpark u kif ukoll mistenni li jkun hemm parkeġġ ieħor faċċata tal-Onkoloġija li mistenni li jibda x-xogħol fuqu fit-tielet kwart ta' din is-sena.

Seduta 256
09/07/2024

**IX-XEMXIJA - IS-SIT TAL-MISTRA VILLAGE - RAPPORTI DWAR XOGĦLIJIET BARRA L-ĦIN PERMESSIBBLI**

**20358. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12802 dwar is-sit tal-Mistra Village, jista' l-Ministru jgħid meta daħlu r-rapporti dwar xogħlijiet qabel jew wara l-ħin permessibbli u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

27/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapporti li daħlu dwar xogħlijiet qabel jew wara l-ħin permessibbli skont it-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12802 kienu bejn iż-żmien li inbdew x-xogħlijiet fuq is-sit tal-Mistra Village sakemm twieġbet il-mistoqsija msemmija. Kull meta daħal rapport, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni investigat il-każ, inġibdet l-attenzjoni tal-iżvillupatur u ttieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet neċċessarji.

Seduta 256
09/07/2024

**IX-XEMXIJA - IS-SIT TAL-MISTRA VILLAGE - RAPPORTI DWAR EMISSJONIJIET TA' TRAB**

**20359. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 12802 dwar is-sit tal-Mistra Village, jista' l-Ministru jgħid meta daħlu r-rapporti dwar emissjonijiet ta' trab u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

27/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapporti li daħlu dwar xogħlijiet qabel jew wara l-ħin permessibbli skont it-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12802 kienu bejn iż-żmien li inbdew x-xogħlijiet fuq is-sit tal-Mistra Village sakemm twieġbet il-mistoqsija msemmija. Kull meta daħal rapport l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni investigat il-każ u inġibdet l-attenzjoni tal-iżvillupatur u ttieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet neċċessarji.

Seduta 256
09/07/2024

**IX-XEMXIJA - IS-SIT TAL-MISTRA VILLAGE - RAPPORTI DWAR ĠEBEL MIKXUF**

**20360. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 12802 dwar is-sit tal-Mistra Village, jista' l-Ministru jgħid meta daħlu r-rapporti dwar munzell kbir ta' ġebel mikxuf li jikkawża tniġġis fl-arja u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

27/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapporti li daħlu dwar xogħlijiet qabel jew wara l-ħin permessibbli skont it-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12802 kienu bejn iż-żmien li inbdew x-xogħlijiet fuq is-sit tal-Mistra Village sakemm twieġbet il-mistoqsija msemmija. Kull meta daħal rapport l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni investigat il-każ u inġibdet l-attenzjoni tal-iżvillupatur u ttieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet neċċessarji.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-MOSTA - TARĠA GAP - PILLBOX - SPEZZJONI**

**20445. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19007, jekk saret l-ispezzjoni tal-pillbox li tinsab fiż-żona ta' Tarġa Gap fil-Mosta, jista' l-Ministru jgħid x'kien ir-riżultat tal-ispezzjoni u jispjega x-xogħlijiet li se jkunu qed isiru?

01/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għadha ma spezzjonatx speċifikament dan is-sit minħabba li din ser tkun parti minn eżerċizzju għal binjiet militari oħra fil-madwar (inkluż din il-pillbox).

Seduta 256
09/07/2024

**PAKKETT FINANZJARJU - KAP TAS-SEGRETARJAT TAL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**20446. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista’ l-Prim Ministru jgħid x’inhu l-pakkett finanzjarju tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, u li issa assuma r-responsabbiltà ta' Kap tas-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru?

01/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**RAMEL IMPORTAT MILL-ĠORDAN**

**20447. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Peress li skont l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), ir-ramel importat mill-Ġordan li se jservi bħala parti mill-programm ta' manutenzjoni tal-bajjiet kien mistenni jasal Malta fil-11 ta' Ġunju 2024, jista' l-Ministru jgħid x'testijiet saru biex jiġi żgurat li dan ma jfixkilx l-ekosistema tagħna?

01/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lil Onor. Interpellant li r-ramel impurtat għall-użu fil-bajjiet huwa mill-istess sors ta' ramel li kien impurtat fis-snin li għaddew (2004, 2007, 2015). Il-materjal huwa inert u nadif. L-effett fuq l-ambjent ta' qiegħ il-baħar kien studjat permezz ta' programm ta' moniteraġġ għal diversi snin wara l-ewwel intervent fil-bajja ta' San Ġorġ. Peress li s-sors tar-ramel ma nbidilx ma kienx hemm bżonn ta' iktar testijiet ħlief dawk sabiex ikun żgurat li l-kwalità tar-ramel taqbel ma' dak speċifikat fil-kuntratt.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX - SPECIAL OLYMPICS**

**20448. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rappreżentazzjoni tal-iSpecial Olympics f'Għawdex u jekk teżistix din ir-rappreżentanza f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-irwol tagħha u x'servizz u assistenza qed toffri?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entita msemmija hi entita mhux Governattiva.

Seduta 256
09/07/2024

**GĦAWDEX - SPECIAL OLYMPICS - BAĠIT ALLOKAT**

**20449. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed jiġi allokat mill-baġit mogħti mill-Gvern għall-iSpecial Olympics għall-assistenza u servizzi relatati f'Għawdex?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entita msemmnija hi entita mhux Governattiva.

Madankollu, ninforma lill-Onor. Interpellant li SportMalta għandha ftehim ma' Special Olympics li jkopri s-snin 2024-2026 li permezz tiegħu hemm allokazzjoni totali ta' €600,000 fuq tliet snin. SportMalta tħallas wkoll il-coaches kollha ta' Special Olympics.

Seduta 256
09/07/2024

**RESIDENTI PERMANENTI GĦAWDXIN - SPECIAL OLYMPICS BOARD - ASSISTENZA**

**20450. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm residenti permanenti Għawdxin li qed jiġu assistiti mill-iSpecial Olympics Committee/Board u x'tip ta' assistenza qed jingħataw?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entita msemmija hi entita mhux Governattiva.

Seduta 256
09/07/2024

**SKEJJEL SEKONDARJI – TRADE SUBJECTS**

**20451. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk preżentement fl-iskejjel sekondarji humiex jiġu offruti trade subjects għall-istudenti? Jekk qed jiġu offruti trade subjects, fuq liema livell qed jiġu offruti? Jista' jgħid ukoll kemm jinkludu persentaġġ ta' prattika u persentaġġ ta' teorija u jekk l-imsemmija trade subjects humiex offruti fl-intier tagħhom kemm għall-istudent Malti kif ukoll għall-istudent Għawdxi?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel sekondarji kollha tal-Istat jiġu offruti suġġetti Vokazzjonali u Applikati. Dawn is-suġġetti jiġu mgħallma sa MQF Level 3 u kull suġġett iwassal jew għal kwalifika maġruġa mill-MATSEC jew kwalifika maħruġa mid-DQSE.
L-assessjar tal-kwalifika maħruġa mill-MATSEC tinkludi 30% ta' prattika waqt li dik tad-DQSE tinkludi 50% ta' prattika. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li kull suġġett huwa bbażat fuq ħiliet, u l-iskejjel kollha huma mgħammra b'apparat industrijali sabiex jiffaċilita t-tagħlim b'mod prattiku.

Seduta 256
09/07/2024

**OPTION SUBJECTS - SPORTS U SWIMMING**

**20452. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk option subjects bħal sports u swimming li ġew introdotti, humiex aċċessibli għal kulħadd?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-suġġett tal-Edukazzjoni Fiżika bħala option subject ilu jiġi offrut mill-2001 u huwa offrut mid-disa' sena sal-ħdax-il sena. Dan is-suġġett huwa aċċessibli għal kulħadd. Is-sillabu l-ġdid addottat mill-MATSEC mis-sena 2025 jinkludi għażla li l-istudent irid jagħmel bejn l-atletika u l-għawm.

Seduta 256
09/07/2024

**SCDP - OPTION SUBJECTS**

**20453. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-option subjects bħal swimming u sports lessons offruti mal-iSport Career Development Programme (SCDP) m'humiex qed ikunu inklussivi u jaċċettaw lil kulħadd, peress li hemm studenti li għalkemm m'humiex atleti qed issir diskriminazzjoni magħhom għax għalkemm iħobbu l-isports qed ikunu allegatament esklużi mis-sistema?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Edukazzjoni Fiżika Ġenerali hu aċċessibli għall-istudenti kollha li jħobbu l-isport, l-iSport Career Development Programme (SCDP) jiffoka fuq l-iżvilupp tat-talent sportiv. Is-suġġett huwa offrut fl-Iskejjel Medji u Sekondarji Statali kollha kif ukoll f'xi Skejjel Indipendenti. Sabiex student ikun eliġġibli biex isegwi l-programm irid jgħaddi minn assessjar prattiku.

Nassigura lill-Onor. Interpellant li mhu qed issir l-ebda diskriminazzjoni. Dan kien ukoll ikkonfermat mill-*Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni* b'*Diżabilità* dwar każ partikolari f'Għawdex.

Seduta 256
09/07/2024

**CPPS - FONDI**

**20462. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi tal-Commuted Parking Payment Scheme (CPPS) għand l-Awtorità tal-Ippjanar preżentement, maqsuma lokalità lokalità? Jista' jgħid ukoll kemm hemm fondi taħt skemi oħra għand l-Awtorità tal-Ippjanar preżentement, u taħt liema skema, maqsuma lokalità lokalità?

01/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**ECO TAX - FLUS MIĠBURA**

**20463. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm u kemm hu l-ammont ta' flus miġbura mill-Eco Tax li suppost titħallas minn kull persuna li tqatta' iljieli f'akkomodazzjoni turistika, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Kemm minn dawn il-fondi ntużaw u fiex intużaw? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-fondi miġbura u mhux użati mill-Eco Tax preżentement u mingħand min jiġu amministrati dawn il-fondi?

01/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat, nirreferiha wkoll għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7841 u 12581. Ninfurmaha li hu maħsub li l-fondi jiġu eżawriti fuq diversi inizjattivi li għaddejjin. Dawn il-fondi huma amministrati skont il-liġi applikabbli.

Seduta 256
09/07/2024

**DIMENSJA – NGOS - GĦAJNUNA**

**20480. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna qed tingħata lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jipprovdu servizzi u għajnuna fil-qasam tad-dimensja?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li San Vinċenz de Paule għandu fteim mal-*Malta Dementia Society* u mas-*Service Dogs Malta Foundation*, li t-tnejn li huma joffru s-servizzi tagħhom għal residenti bid-dimensja, filwaqt li fl-Anzjanitá Attiva u Kura fil-Kommunitá, bħalissa qed jiġi implimentat kuntratt mal-organizzazzjoni mhux governattiva ewlenija f'Malta fuq id-dimensja, u dawn qed jipprovdu sessjonijiet terapewtiċi fiċ-ċentri tal-attività tad-dimensja u fid-djar residenzjali tal-gvern.

Seduta 256
09/07/2024

**DIMENSJA – GĦARFIEN FOST IT-TFAL**

**20481. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir fl-iskejjel biex jinħoloq aktar għarfien fost it-tfal dwar id-dimensja?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant li qed isir xogħol biex jinħoloq materjal apposta sabiex tiġi spjegata l-kundizzjoni lit-tfal b'mod li jifhmu u li jagħmel sens mill-perspettiva tagħhom. L-għan se jkun li noħolqu iktar għarfien bl-użu ta' materjal xieraq. Nisuġerixxu li din il-mistoqsija tiġi referuta lil Ministeru kkonċernat ukoll.

Seduta 256
09/07/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA - INIZJATTIVI**

**20482. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inizjattivi twettqu s'issa mill-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja - Nilħqu Livelli Ġodda (2024 - 2031)?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, kompla jaħdem sabiex isaħħaħ is-servizzi komunitarji attwali għall-persuni bid-dimensja, kif rakkomandat fl-Istrateġija f'5.2. Sar investiment f'aktar riżorsi umani fit-tim tad-'*Dementia Intervention Team'*, sabiex tiġi offruta valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persuni li qed jgħixu bil-kundizzjoni ġewwa darhom. Dan it-tim qed jaħdem biex persuni li jieħdu ħsieb il-persuni bid-dimensja, jiġu involuti fl-ippjanar tal-kura, u qed tingħata attenzjoni li x-xewqat u l-preferenzi tal-persuni bid-dimensja u l-familji tagħhom. Kif rakkomandat fl-istrateġija f'1.2, kompla wkoll it-taħriġ għall-professjonisti u l-pubbliku ġenerali fuq il-kundizzjoni permezz ta' diskussjonijiet pubbliċi u taħriġ. Minn aspett ta' prevenzjoni skond 2.2 tal-istrateġija, sar programm ta' Taħriġ tal-Memorja bil-għan li potenzjalment, tiġi evitata l-kundizzjoni u jinkoraġġixxi l-anzjani biex jibqgħu attivi mentalment filwaqt li jgħin fil-benesseri ġenerali tagħhom.

Seduta 256
09/07/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA - INIZJATTIVI**

**20483. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inizjattivi qed jingħataw prijorità u li ser ikunu qed jitwettqu sal-aħħar ta' din is-sena mill-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja - Nilħqu Livelli Ġodda (2024-2031)?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se nibqgħu naħdmu biex inżidu l-għarfien dwar il-kundizzjoni u l-kura kif stipulat fl-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja. Kif irrakkomandat fl-istrateġija (4.1), se nkunu qed naħdmu biex min ikollu dijanjożi tad-dimensja se jkollu aċċess għall-person-centred care (kura ċċentrata fuq il-bżonnijiet tal-persuna).

Seduta 256
09/07/2024

**DIMENSJA – KURA LILL-IMPJEGATI LI JAĦDMU FIĊ-ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM**

**20484. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ aġġornat u avvanzat dwar il-kura tad-dimensja qed tingħata lill-impjegati li jaħdmu fiċ-ċentri ta' matul il-jum?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li impjegati li jaħdmu fiċ-ċentri ta' matul il-jum jiġu mħarrġa fil-kura tad-dimensja, minn professjonisti tad-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Filwaqt, li t-taħrig li jiġi offrut f'San Vinċenz de Paul huwa dak dwar il-Kura fid-Dimensja, li hu kors akkreditat mill-Universita' ta' Malta. Dan jiġi offrut mhux biss għall-ħaddiema li jaħdmu fiċ- Ċentru imma għall-impjegati kollha.

Seduta 256
09/07/2024

**DIMENSJA**

**20485. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi programmi ta' taħriġ qed isiru għall-ħaddiena tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali sabiex ikunu jistgħu jgħinu lil dawk il-persuni li jieħdu ħsieb lill-persuni bid-dimensja?

02/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li bħalissa SVP qed jipprovdi taħriġ lill-impjegati li għandhom kuntatt ma' persuni bid-dimensja u qed jiġi offrut kemm l-impjegati tal-gvern kif ukoll lil dawk tal-kuntrattur. Dan it-taħriġ huwa akkreditat mill-Università ta' Malta u normalment jiftaħ darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, qed jitfassal pjan biex jinfetaħ kors qasir għall-qraba tal-persuni bid-dimensja f'SVP. Il-pjan huwa li dan jibda jiġi offrut ukoll ġewwa ċ-Ċentru tat-Taħriġ.
Min naħa tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja joffri kors ta' taħriġ dwar il-kura tad-dimensja għall-ħaddiema li jaħdmu ma' persuni bid-dimensja.
Filwaqt li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani tivverifika li l-istaff li jaħdem fid-djar tal-anzjani u jaħdem direttament ma u li jagħti appoġġ lill-persuni li jgħixu bid-dimensja fid-djar tal-anzjani jkollu taħriġ avvanzat dwar kif persuni li jgħixu bid-dimensja għandhom jingħataw appoġġ.

Seduta 256
09/07/2024

**DISKRIMINAZZJONI POLITIKA - KAŻ TA' INDIVIDWU**

**20487. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni beħsiebu jieħu fil-konfront tal-individwu li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament, fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-Impjiegi nhar il-15 ta' Mejju 2024 fil-kawża li d-dettalji tagħha qed jingħataw separatament u li permezz tagħha nstab li dan l-istess individwu li d-dettalji dwaru ngħataw separatament wettaq diskriminazzjoni politika fil-konfront tal-persuna li d-dettalji dwarha ukoll qegħdin jingħataw separatament?

02/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu indikat ġie ttrattat bħal individwi oħra li kienu indikati li wettqu diskriminazzjoni politika kontra l-individwu msemmi. Se nkun qed ngħaddi l-informazzjoni lill-Onor. Interpellant b'mod kunfidenzjali.

Seduta 256
09/07/2024

**BORMLA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20491. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta' Bormla u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew biex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

02/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li hemm ħdax -il spazju miftuħa li jinkludu ġonna, bandli u pjazez fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ssottometta applikazzjoni għal Cottonera Lines ma' Project Green iżda ma ntgħsażlitx.

Seduta 256
09/07/2024

**ĦAD-DINGLI – SPAZJI MIFTUĦA**

**20492. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta' Ħad-Dingli u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew biex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

02/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli li hemm seba' spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali kien issottometta applikazzjoni ma' Project Green għal spazju miftuħ fuq l-irdum iżda din l-applikazzjoni ma kinitx ġiet magħżula. Dan il-proġett kien sar wara minn fondi oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-FURJANA – SPAZJI MIFTUĦA**

**20493. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità tal-Furjana u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew biex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

02/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Floriana li hemm tlettax-il spazju miftuħ li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali kien issottometta applikazzjonijiet fir-rigward ta' Binja Vilhena ma' Project Green li iżda ma kinux magħżula.

Seduta 256
09/07/2024

**ĦAL GĦAXAQ - SPAZJI MIFTUĦA**

**20494. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew biex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

02/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li hemm ħames spazji miftuħa li jinkludu ġonna, bandli u pjazez fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali għandu applikazzjoni pendenti ma' Project Green biex jagħmel proġett fiż-żona ta' Triq l-Andar, din l-applikazzjoni waslet fil-fażi finali u se jiġi ffirmat ftehim fiż-żmien li ġej.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-GŻIRA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20495. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità tal-Gżira u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali issottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew biex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

02/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali Ġzira li għandu ġnien wieħed fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ssottometta applikazzjoni waħda ma' Project Green li ġiet aċċettata.

Seduta 256
09/07/2024

**SIXTH FORM - STUDENTI LI WAQFU**

**20496. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19138, 19329, 19903, 20169 u 20293 u jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mis-Sixth Form? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsuma għal kull istitut edukattiv postsekondarju individwalment?

02/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 256
09/07/2024

**RIFORMA - SOSPENSJONI TAL-EŻEKUTIBBILTÀ TAL-PERMESSI TAL-IŻVILUPP**

**20512. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19693 u jgħid meta se tkun implimentata r-riforma li fl-2023 kienet is-suġġett tal-konsultazzjoni pubblika 'Dokument ta' Diskussjoni dwar emendi proposti relatati mas-sospensjoni tal-eżekutibbiltà tal-permessi tal-iżvilupp'?

02/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellanta li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq id-drafting tal-liġi.

Seduta 256
09/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IKEL U FUQ TAKE-AWAYS - INFIQ**

**20517. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm intefqu flus fuq ikel u fuq take-aways mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn Jannar 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor, Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 256
09/07/2024

**SKEMA 9 – REGOLAMENTI U PROVIŻJONIJIET**

**20520. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma l-Kamra b'kull tibdil fir-regolamenti u proviżjonijiet ta' Skema 9 fl-aħħar ħames snin, fid-dettall ta' kull benefiċċju li tkompri l-Iskema, maqsuma sena b'sena?

03/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20519.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20521. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20106 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħataw lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16515.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20522. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20107 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16516.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20523. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20108 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 16517.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20524. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20109 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16518.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20525. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20110 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16519.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20526. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20111 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirefferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16520.

Seduta 256
09/07/2024

**MTA - APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA**

**20544. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10237, 10404 u 10638 u jgħid x'inhi l-policy tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għal dak illi jirrigwarda applikazzjonijiet għal lukandi ġodda ġewwa pajjiżna?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11090.

Seduta 256
09/07/2024

**MTA - APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA**

**20545. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10110, 10403 u 10637 u jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet għal lukandi ġodda lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fis-snin 2022 u 2023 u kemm minnhom ġew approvati? Jista' jgħid ukoll kemm-il kamra u sodda fihom u f'liema lokalità jinsabu?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11087, ninfurmah li l-lokalitajiet kienu is-segwenti:

- Attard
- Balzan
- Birkirkara
- Gżira
- Għajnsielem
- Għarb
- Luqa
- Marsascala
- Marsaxlokk
- Msida
- Pietà
- Qormi
- San Ġiljan
- San Pawl il-Baħar
- Sliema
- Valletta
- Xlendi
- Żebbuġ Għawdex.

Seduta 256
09/07/2024

**MTA - BAĠIT GĦALL-MARKETING**

**20546. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10109, 10402 u 10636 u jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għandhiex pjanijiet sabiex tistabbilixxi kriterji oġġettivi u trasparenti li jiġu ppubblikati sabiex jindikaw kif u min jista' jibbenefika mill-baġit tagħha għall-marketing?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11092.

Seduta 256
09/07/2024

**MTA - GĦAJNUNA LIL ENTITAJIET U ORGANIZZAZZJONIJIET GĦAL MARKETING**

**20547. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10108, 10401 u 10635 u jgħid liema individwi, entitajiet u organizzazzjonijiet ingħataw għajnuna mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fis-sena 2022 taħt il-baġit tal-MTA għal 'Marketing - Local & Intl, Digital, Brands, VMIM & Events'?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11092.

Seduta 256
09/07/2024

**MTA - SPIŻA FUQ MARKETING**

**20548. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10107, 10400 u 10634 u jagħti rendikont tal-ispiża tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għas-sena 2022 fuq 'Marketing - Local & Intl., Digital, Brands, VMIM & Events' li, skont il-Financial Statements sottomessi fil-Parlament, ammontaw għas-somma totali ta' €56,279,024?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11092.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - DIRECT ORDERS**

**20549. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7446 u jagħti lista tad-direct orders illi ngħataw mill-Ministeru tiegħu u mill-Awtorità Maltija għat-Turiżm (MTA) matul is-sena 2023?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 256
09/07/2024

**TESTIJIET TAS-SEWQAN – LISTA TA' STENNIJA**

**20557. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx lista twila ta' persuni jistennew biex jagħmlu t-test tas-sewqan?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għall-kategorija tal-muturi (Kategorija A) u tal-vetturi żgħar (Kategorija B) hemm stennija ta' madwar disgħa ġimgħat, filwaqt li għall-kategoriji tat-trakkijiet (Kategoriji C u D) hemm stennija ta' madwar tnax il-ġimgħa.

Seduta 256
09/07/2024

**TESTIJIET TAS-SEWQAN – STENNIJA TA' TMIEN ĠIMGĦAT JEW AKTAR**

**20558. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istennija ta' tmien ġimgħat jew iktar, biex isir test tas-sewqan hijiex xi ħaġa normali?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi normalment iż-żmien ta' stennija għat-testijiet tas-sewqan ikun bejn sitta u tmien ġimgħat, iżda dan jista' jvarja minn diversi fatturi, fosthom l-ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijiet li l-Awtorità tirċievi minn żmien għal żmien u li jaffettwa l-operat tad-dipartiment ikkonċernat.

Seduta 256
09/07/2024

**TESTIJIET TAS-SEWQAN – RAĠUNI GĦAD-DEWMIEN U STENNIJA TWILA**

**20559. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni tad-dewmien u stennija twila biex persuna tagħmel test tas-sewqan?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dewmien għat-testijiet tas-sewqan jirriżulta minn diversi fatturi fosthom:

- l-ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijiet li l-Awtorità tirċievi minn żmien għal żmien;
- il-fatt li f' dawn iż-żminijiet tas-sajf ikun hemm żieda fl-applikazzjonijiet għat-testijiet tas-sewqan;
- l-eżaminaturi jaħdmu bil-ħinijiet ridotti tas-sajf u għalhekk isiru ammont ta' testijiet inqas.

Seduta 256
09/07/2024

**XUFIERA TAT-TRAKKIJIET TAL-LINJA LI FALLEW IT-TEST TAS-SEWQAN**

**20560. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk xufiera tat-trakkijiet tal-linja li jkunu fallew it-test tas-sewqan għall-erbgħa jew ħames darbiet għadhomx jitħallew fit-triq isuqu r-rotot pubbliċi?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**XUFIERA LI FALLEW IT-TEST TAS-SEWQAN LI ĠEW MIBGĦUTA SQALLIJA**

**20561. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'Ġunju li għadda ntbagħtux żewġ gruppi ta' xufiera li jammontaw għal kważi 90 ruħ, fi Sqallija wara li għamlu t-test tas-sewqan erbgħa jew ħames darbiet u ma għaddewx?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta toħroġ biss permessi lix-xufiera li m'humiex mill-Unjoni Ewropea li jissodisfaw ir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 'Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur'; kif ukoll sezzjoni 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 'Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri'.

Seduta 256
09/07/2024

**XUFIERA LI FALLEW IT-TEST TAS-SEWQAN LI ĠEW MIBGĦUTA SQALLIJA - LIĊENZJA PROVIŻORJA**

**20562. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xufiera li fallew it-test tas-sewqan u li ġew mibgħuta Sqallija, terġax tinbdilhom is-sena tal-liċenzja hekk imsejjħa proviżorja biex isuqu t-trakkijiet tal-linja fuq ir-rotot Maltin meta jiġu lura minn Sqallija?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20561.

Seduta 256
09/07/2024

**ONCE UPON A TIME IN MALTA – BAĠIT ALLOKAT**

**20572. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'kien il-baġit allokat u n-nefqa għall-film qasir bit-titlu Once Upon A Time in Malta li nħadem għall-introduzzjoni tal-Malta Golden Bee Awards li ħadu sehem fih il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll jekk dan il-film kienx maħdum minn production company Maltija u jekk kienx hemm open call għalih?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL 2024 – BAĠIT**

**20573. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jippreżenta l-baġit kollu għall-festival tal-Mediterrane Film Festival 2024 u minn liema fondi intefqu dawn il-flus billi joħroġ lista tagħhom separatament?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20568.

Seduta 256
09/07/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL U GOLDEN BEE AWARDS - TENDERS U DIRECT ORDERS**

**20574. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-tenders u direct orders tas-suppliers kollha għal Mediterrane Film Festival u dawk tal-Golden Bee Awards kinitx ħarġet sejħa pubblika biex wieħed japplika għalihom?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċeduri tmexxew skont il-liġijiet li jikkonċernaw ix-xiri pubbliku u approvati mill-Ministeru għall-Finanzi kif mitlub. F'ħafna mill-każijiet il-proċeduri jkunu għadhom pendenti minħabba vverifikar ta' invoices u pagamenti anċillari.

Seduta 256
09/07/2024

**Ħ'ATTARD - TRIQ IR-RUŻELL/TRIQ IL-MOSTA - FDALIJIET STORIĊI**

**20575. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20286 rigward fdalijiet storiċi fi Triq ir-Rużell/Triq il-Mosta f'Ħ'Attard, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi stħarriġ fuq ix-xelter jew jekk saritx talba biex isir stħarriġ fuqu u jekk is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali ħaditx xi pożizzjoni fuq il-preservazzjoni ta' dan ix-xelter?

03/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tikkonferma li x-xelter li hemm fis-sit diġà ġie spezzjonat u issa trid issir is-*survey* tiegħu. Is-Sovrintendenza tkun f'posizzjoni li tikkummenta fuq x'passi ser jittieħdu ladarba tiġi terminata l-evalwazzjoni tas-sit kollu u jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni ta' żvilupp li fih is-Sovrintendenza hija kkonsultata.

Seduta 256
09/07/2024

**IL-MOSTA - TRIQ IL-MIDBAĦ U TRIQ ID-DURA - XOGĦLIJIET**

**20577. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20332 u tgħid jekk hemmx pjanijiet li xi waħda mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha twettaq xogħol fi Triq il-Midbaħ u Triq id-Dura, il-Mosta, fil-ġimgħat jew xhur li ġejjin? Jekk iva, tista' tgħid meta se jibda u meta hu ppjanat li jkun lest?

03/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta, permezz ta' Infrastructure Malta, poġġiet cables ġodda ta' 11-il kilovolt fiż-żona ta' Santa Margerita fil-Mosta biex tkompli ssaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Fi Triq id-Dura diġà ġie mgħoddi l-cable ta' 11kV flimkien ma' low voltage cables biex ġiet installata feeder pillar ġdida (low voltage). Il-proċess li jmiss jinkludi t-tqegħid ta' feeder cables mill-feeder pillar għal Triq il-Midbaħ biex tiżdied il-konnettività u tissaħħaħ id-distribuzzjoni tal-low voltage. Dawn ix-xogħlijiet se jinbdew fil-jiem li ġejjin u mistenni jieħdu numru ta' ġimgħat u mbagħad isir reinstatement tat-triq skont il-permessi maħruġin minn Transport Malta.

Seduta 256
09/07/2024

**ĊEKKIJIET TAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**20578. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20333, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid sa meta jistgħu jinġabru ċ-ċekkijiet tar-Rifużjoni tat-Taxxa u x'jiġri jekk ma jinġabrux?

03/07/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana m'għandha xejn iżjed x'iżżid, fuq dan is-suġġett, u fuq tweġibiet simili, li diġà ngħataw minnha.

Seduta 256
09/07/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI**

**20584. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna taħdem f'kull entità li taqa' taħtu? Jista' jindika t-titlu tax-xogħol, is-salarju, l-allowances u l-pakketti finanzjari u allowances oħra ta' kull persuna?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 256
09/07/2024

**HERITAGE MALTA - RAPPORT**

**20585. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport li jiddeskrivi dak li ġie diskuss fil-laqgħat ta' konsultazzjoni organizzati mill-EU Taxation and Customs Unit (TAXUD), il-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill mal-istati membri tal-Unjoni Ewropea msemmija f'paġna 43 tar-rapport annwali 2023 tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tikkonferma li l-laqgħat imsemmija fil-mistoqsija parlmentari, jsiru sabiex jiffaċilitaw diskussjonijiet bejn Stati Membri fir-rigward ta' moviment ta' oġġetti kulturali u li dawn jirrelataw dirett mal-proġett ta' introduzzjoni ta' sistema elettronika ta' reġistrazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kollha sabiex tirregola l-importazzjoni hekk kif stipulat fir-Reg. (EU)880/2019. Għaldaqstant, peress li d-dokumenti relatati ma' dan il-proġett għadhom fi stadju ta' abbozz, u minħabba in-natura kunfidenzjali tagħhom, kif ukoll peress illi għadhom iridu jiġu uffiċjalment iffirmati mill-Kummissjoni Ewropea, it-tali informazzjoni ma tistax tiġi iċċirkolata mal-pubbliku.

Seduta 256
09/07/2024

**BIRKIRKARA - TRIQ MADRE MARIA THERESA SPINELLI - XOGĦLIJIET**

**20589. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti x-xogħol li għaddej fi Triq Madre Maria Theresa Spinelli, f'Birkirkara, u meta hu ppjanat li jkun lest hekk kif ir-residenti issa ilhom xhur jgħixu fit-trabijiet, b'uħud minnhom qed ibatu anke minn problemi respiratorji?

04/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol tal-bini tat-triq beda f'nofs Mejju li għadda u l-ewwel saff ta' asfalt ingħata fit-8 ta' Lulju. It-triq għandha tkun lesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 256
09/07/2024

**BIRKIRKARA - TRIQ MADRE MARIA THERESA SPINELLI - XOGĦLIJIET**

**20590. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk xi waħda mill-entitajiet li taqa' taħt id-dekasteru tagħha (Enemalta, WSC, eċċ.), hux qed twettaq xogħol fi Triq Madre Maria Theresa Spinelli, f'Birkirkara u jekk iva, fiex jikkonsisti dan ix-xogħol u meta hu ppjanat li jkun lest?

04/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-triq indikata Enemalta poġġiet tliet low voltage feeders biex tkompli ssaħħaħ is-sistema ta' ditribuzzjoni fuq livell ta' 230V/400V. Wara nbdew xogħlijiet oħrajn minn Infrastructure Malta. L-asfalt se jingħata wara li dawn jitlestew.

Seduta 256
09/07/2024

**KUNSILLI LOKALI - TALBA GĦAL DEVOLUZZJONI TA' PROPRJETÀ**

**20619. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba għal devoluzzjoni ta' art jew proprjetà lil xi Kunsill Lokali f'Malta jew f'Għawdex hemm pendenti quddiem l-Awtorità tal-Artijiet? F'kull każ għal liema art jew proprjetà hija t-talba u r-raġuni għaliex qed tintalab mill-Kunsill Lokali? Jista' jgħid ukoll f'kull każ, kemm ilha pendenti t-talba u f'liema stadju wasal l-ipproċessar tagħha?

05/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li bħalissa hemm żewġ talbiet pendenti għal devoluzjonijiet lill-Kunsilli Lokali:

- Mill-Kunsill Lokali tal-Mosta għal ġnien f'Ta' Mlit.
- Mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq għas-sit f'Ta' Ħaxum.

L-ipproċessar taż-żewġ applikazzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet jinsabu fi stadju avvanzat. Il-proġetti proposti għaż-żewġ siti għandhom l-għan li jiżdiedu l-ispazji ħodor miftuħa b'risq il-komunità.

Seduta 256
09/07/2024

**KUNSILLI LOKALI - TALBA GĦAL DEVOLUZZJONI TA' PROPRJETÀ**

**20620. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba għal devoluzzjoni ta' art jew proprjetà ġew ippreżentati mill-Kunsilli Lokali ta' Malta u ta' Għawdex mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm ilhom pendenti? F'kull każ għal liema art jew proprjetà hija t-talba u r-raġuni għaliex qed tintalab mill-Kunsill Lokali? Jista' jgħid ukoll f'kull każ, kemm ilha pendenti t-talba u f'liema stadju wasal l-ipproċessar tagħha?

05/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tagħti biss is-sapport tagħha lill-Kunsilli Lokali biex jagħmlu t-talbiet għad-Devoluzzjoni. L-informazzjoni għandha tintalab mill-Ministeru responsabbli.

Seduta 256
09/07/2024

**TAS-SLIEMA - BATTERIJA TAL-PONTA**

**20621. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid b'liema titolu ngħatat lil terzi l-Batterija tal-Ponta ta' Tas-Sliema magħrufa bħala l-Fortizza ta' Tas-Sliema? Jista' jgħid meta ġie ffirmat il-ftehim dwar l-imsemmija proprjetà u meta jiskadi l-imsemmi ftehim?

05/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Batterija tal-Ponta ta' Tas-Sliema għaddiet lil terzi b'ċens temporanju fis-7 ta' Mejju fl-1998 għal 65 sena.

Seduta 256
09/07/2024

**TAS-SLIEMA - PROPRJETAJIET PUBBLIĊI VAKANTI**

**20622. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà pubblika tinsab vakanti fil-lokalità ta' Tas-Sliema? Jista' jagħti rendikont sħiħ u dettaljat ta' liema huma dawn il-proprjetajiet, inkluż l-indirizz tagħhom?

05/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema sit jew siti qed jagħmel referenza għalihom.

Seduta 256
09/07/2024

**IR-RIFORMA FIS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U TAR-RINVIJI**

**20623. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-pubbliku dwar ir-riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u rinviji bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika, li għalqet nhar il-31 ta' Mejju 2023?

05/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9955.

Seduta 256
09/07/2024

**RIFORMA ĠUSTIZZJA AKTAR EFFETTIVA MAL-VITTMI TAD-DROGA**

**20624. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-pubbliku dwar ir-riforma msejħa "Ġustizzja aktar effettiva mal-vittmi tad-droga" bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika, li għalqet nhar id-9 ta' Frar 2024?

05/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sottomissjonijiet mibgħuta qed jiġu analizzati u meħuda inkonsiderazzjoni. Meta dan il-proċess ikun konkluż ser jiġi ppubblikat rapport kif isir wara kull konsultazzjoni pubblika.

Seduta 256
09/07/2024

**AUM - KUNDIZZJONIJIET**

**20625. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-American University of Malta (AUM) mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE) relatati mal-aħħar estensjoni tal-liċenzja?

05/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14100.

Seduta 256
09/07/2024

**LEGAL REFORM FOR THE TOURISM INDUSTRY - ABBOZZ TA' LIĠI**

**20626. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13857, jista' l-Ministru jgħid meta se jkun qiegħed jitressaq quddiem il-Kamra l-Abbozz ta' Liġi bbażat fuq il-White Paper 'Legal Reform for the Tourism Industry'?

05/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-reviżjoni tal-liġi fl-intier tagħha għadha għaddejja. Kif din ir-reviżjoni tkun kompluta, tiġi ppreżentata għal konsultazzjoni u diskussjoni.

Seduta 256
09/07/2024